# TILEF ID-DAWL

*Ta'* JOE FRIGGIERI

"Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq, Karm, igħid qaddisi, u nar li ma jsaħħanx, aħjar il-bard ta' Jannar minnu".

"Il-marelli, Ċens, kemm sirt titkellem għoli dil-ħabta, dawn minn fejn tgħallimthom dal-proverbji kollha?" wieġeb Karmnu.

"Iss, mela ma tafx li qiegħed immur l-iskola ta' bil-lejl", qallu Ċensu. "L-iskola sabiħa wisq, Karm, hekk kienet tgħid ommi, Alla jaħfrilha".

"Għax tgħid kont tħajjart niġi jien ukoll nitgħallem xi ħaġa", tenna Karmnu.

"U mela hekk, Karm, kemm sa ddum taħsibha? Ara, għada ejja miegħi, tajjeb?" staqsieh Ċensu.

"Or-rajt, niġi".

"Mela għada fis-sitta nistenniek fil-misrah", wieġeb Ċensu.

Karmnu u Ċensu kienu ta' mpar xulxin, it-tnejn għożżieb, u bejniethom it-tnejn kienu jaqsmu ndaqs seklu sħiħ. Iż-żewġt irġiel kienu ilhom jafu 'l xulxin sa minn ċkunithom u t-tnejn baqgħu dejjem miġbuda lejn xulxin.

Iżda jekk kienu ta' mpar xulxin fiż-żmien, fit-tifsila ta' surithom ma kien jixtiebhu xejn. Karmnu kien qasir u oħxon, kellu wiċċ imfaqqa' u rasu qargħa minn barra u daqshekk ieħor minn ġewwa. Min-naħa l-oħra, Ċensu kien raġel twil u magħlub, rasu żgħira daqs faqqusa, wiċċu mixrub u sfajjar daqs il-qarsa tax-xemgħa.

L-għada wara x-xogħol, Karmnu libes il-libsa tal-festa, sallab il-polka tad-deheb fuq żaqqu minn but għall-ieħor tas-sidrija, xedd iż-żarbun ta' l-alakka, il-berritta tal-bellus bil-pizz kbir ħiereġ dritt dritt minn fuq moħħu qisu l-pont tal-laneċ, tafa' żewġ lapsijiet fil-but ta' fuq tal-ġlekk ħdejn il-maktur nofsu jperper 'il barra, pitazz ta' sold imgerbeb romblu f'idejh u rhielha lejn l-iskola.

Fil-bieb ta' Toni ta' l-inbid, kien hemm xi erbat iħbieb: Pawlu tat-Tirlitam, b'kisra ħobż daqshiex imħaffra fin-nofs u mimlija żebbuġ u nċova, bilqiegħda fuq banketta maqluba fuq ġenbha. Vitor il-Matnazz, ilaqqat l-aħħar daqsxejn bigilla mill-karta; Girgor ta' Katrin, b'loqma sigarru bejn xufftejh u b'nofs mill-iswed f'idu; u Salvu l-Lablabi, bilqiegħda fin-nofs jirrakkonta xi praspura minn tiegħu.

"Ara Karmnu! iż-żift, Karm, x'faqgħa libsa tfajtilna! jaqaw sejrin nagħtu l-kelma l-lejla?" għajjat Girgor kif lemaħ lil Karmnu

riesaq lejhom. L-erbat irġiel daru ma' Karmnu mistagħġbin kif rawh hekk imdandan u, min kelma u min oħra, ilkoll qalulu xi ħaġa bil-ħsieb li jkunu jafu fejn kien sejjer.

Karmnu ħass ruħu tiela' fl-ogħla smewwiet bil-ferħ, iżda jew għax ma riedx jurihom fejn tabilħaqq kien sejjer, jew għax kellu aptit iċ-ċajt, tbissem u "Tħajjart inqabbel dawk il-qasbtejn raba' ta' ħdejn l-iskola" qallhom "u l-lejla għandi niltaqa' ma' Wistin għand in-nutar biex niftiehmu".

"L-għalqa tal-Kubrit, Karm?" staqsa l-Lablabi.

"Kollha kemm hi", wieġeb Karmnu.

"J'Alla jfendilek, sieħeb", tenna Pawlu t-Tirlitam.

"U x'fiħsiebek tagħmel biha dik l-art kollha, Karm?" staqsa Vitor.

Jekk jirnexxili, fiħsiebni ntalla' ftit bini u nikrih lill-Ingliżi. Eh! issa d-daqqa, ħbieb, u jekk ma niżfnux issa ma niżfnu qatt", wieġeb Karmnu.

"Qatt m'għidtilna xejn, Karm, ħej, li għandek l-immellaħ!" faqqa' waħda minn tiegħu l-Lablabi.

"U iva, imbagħad taħsbux li għandi xi eluf kbar taf; dik il-biċċa raba' ma riedha ħadd u ħsibt forsi neħodha jien bi ftit flus. U issa, ħbieb, ikolli nħallikom għax ma rridx inħalli lin-nutar jistenna".

"Imma qabel titlaq ħu terz magħna, Karm, mela l-ħbieb hekk; newlilna s-soltu, Ton", għajjat Girgor. "U x'ħin kellek tmur għand in-nutar, Karm?"

"Fis-sebgħa", wieġeb Karmnu.

"U allura fadallek siegħa oħra x'tgħaddi magħna", tenna Pawlu.

U bit-tielgħa u n-nieżla, Karmnu kellu jibqa' jkompli ma' sħabu jixrob u jpaċpaċ. Il-ħelwa hi li dal-ħali ta' Karmnu ma kienx imdorri jixrob ħafna u f'kemm ili ngħidlek l-inbid għamel tiegħu; rasu ħassha daqs qartalla u ma felaħx jiċċaqlaq. Daħal fil-ħanut, inxteħet bilqiegħda fuq il-bank, tafa' rasu bejn idejh fuq il-mejda quddiemu u f'kemm ili ngħidlek raqad.

Ma kienx ilu rieqed għaxar minuti meta tfaċċa Ċensu jistaqsi għalih biex jieħdu l-iskola kif kienu miftiehma. Jekk Ċensu daħak meta sama' bil-praspura tar-raba' li Karmnu qalhom kien sejjer iqabbel, l-erbat iħbieb u Toni tal-ħanut bilkemm ma ħadux għalihom meta saru jafu li Karmnu mhux jiltaqa' man-nutar kien sejjer iżda l-iskola ta' bil-lejl.

"Eh! iva? mur obsor ħej li Karmnu jaf jiċċajta daqshekk!" qal Toni.

"U jien m'għidtilkomx li Karmnu ried mingħalih igħaddina mill-pipa!" wieġeb jisserdak il-Lablabi, "Jien min jidħak bija għad irid jitwieled".

"Jidħak l-aħjar min jidħak l-aħħar", wieġeb Toni "wara kollox aħna lkoll nafu niċċajtaw. Kif qed tara, Ċens, Karmnu mhux f'qagħda li jmur l-iskola l-lejla u aħjar jibqa' magħna sakemm igħaddilu. U int ukoll, Ċens, ibqa' magħna, jaqbillek u ma jiddispjaċikx. Issa, ħbieb, naħseb illi daqsxejn ta' ċajta ma tagħmillux ħażin 'il Karmnu l-lejla, isimgħuni . . . " U Toni ħassrilhom x'kellu f'moħħu.

Għoġbithom; hekk riedu dawk l-egħfiered għax iċ-ċajt kienu jikluh bil-ħobż. Sadattant, Karmnu kien baqa' rieqed fejn ħallejnieh, u l-logħba mfassla minn Toni issa bdiet.

Is-sitt irġiel daħlu ġewwa fil-ħanut bla ħoss ta' xejn, tfew id-dawl, u l-ħanut f'daqqa waħda nbidel fl-iskola ta' bil-lejl, Toni taparsi s-surmast u l-oħrajn l-istudenti.

Is-surmast beda jgħallem: "Illum inkomplu nitgħallmu l-lezzjoni tal-bieraħ; ħarsu lejn dawn il-kelmiet fuq il-blackboard — DARU, SARU, TARU. Kif taraw, kull waħda minn dawn il-kelmiet fiha erba' ittri, żewġ konsonanti u żewġ vokali. Int Zaren, għidli liema huma l-vokali ta' dawn il-kelmiet".

"A u U" wieġeb Girgor li kien jilgħab il-parti ta' Zarenu.

"Sewwa, u l-konsonanti liema huma, Piet?" tenna s-Surmast.

"Id-D, ir-R, is-S u t-T" wieġeb Pawlu fil-parti ta' Pietru.

F'daqqa waħda nstema' Karmnu jittewweb. Il-lezzjoni ssuktat.

"Issa meta nispellu kelma naqsmuha f'biċċiet li nsejħulhom sillabi; hekk f'dawk l-istess kelmiet ta' fuq il-*blackboard*, naraw li kull waħda fiha żewġ sillabi u naqsmuhom hekk, ħarsu lejn il-*blackboard*: DA - RU, SA - RU, TA - RU, qegħdin tifhmu?"

"Mela milli jidher, Sir, kelma jkollha sillabi daqs kemm ikollha vokali", qabeż qal Ċensu.

"Bravu, Ċens, dak li kont ser ngħidilkom; u għalhekk kull sillaba jrid ikollha vokali waħda biss".

F'dak il-ħin Karmnu stenbaħ, beda jogħrok għajnejh, idawwar rasu 'l hemm u 'l hawn, jisma' u jifhem li qiegħed l-iskola u ma jarax ħlief dlam. "Dan xi dlam hu li qiegħed nara", qal minn taħt il-lsien.

Is-surmast kompla l-lezzjoni: "U issa rridkom tikkupjaw dawk il-kelmiet fuq il-pitazz, nerġgħu naqrawhom flimkien — DARU, SARU, TARU". U dawk kollha, is-sitta li kienu, qrawhom għal darba tnejn.

"Issa int, Karmnu, billi llum l-ewwel darba tiegħek magħna, jaqbel tiġi ftit ħdejja ħalli niktbuhom flimkien, ejja, tistħix Karm, ħadd ma kien għaref f'daqqa", issokta s-surmast.

U hawn faqqgħet il-bomba: Karmnu nxteħet lura b'dahru mal-ħajt, għajnejh imberrqa u b'leħen imbikki beda jgħajjat:

"Fejn tridni niġi, m'iniex nara, tlift id-dawl jaħasra, tlift id-dawl, ara xi ġrali, dlam biss qiegħed nara, qed nismagħkom titkellmu, iżda, jaħasra, dlam dlam biss . . . . "

"X'qed tgħid, Karm? . . . . dlam! . . . . xi dlam qed tara taħt lampi tal-mija bħal dawn? Trid ticcajta, ejja ħalli titgħallem tikteb, Karm, isa" instema' leħen is-Sir.

"Emminni, Sir, jaħasra, tlift id-dawl . . . . Ċensu, fejn hu Ċensu?"

"Hawn Karm, xi ġralek?", staqsa Ċensu ma jistax iżomm bid-daħk.

"M'intix tismagħni Ċens", wieġeb fost l-ilfiq, "tlift id-dawl, ma kinitx skola għalija".

Iċ-ċajta ssuktat kif kienu miftiehma. Ċensu bewweġ 'il barra, Vitor resaq lejn Karmnu b'maktur imxarrab taparsi jxappaplu l-ilma ma' wiċċu filwaqt li beda jgħattilu għajnejh biex ma jarax 'il Girgor jixgħel id-dawl. U mad-dawl tbiddlet ix-xena; il-klassi reġgħet saret il-ħanut ta' l-inbid, l-irġiel kollha daru ma' Karmnu, min igħajjatlu minn hinn u min minn hawn.

"Iva, jaħasra, iva rġajt qiegħed nara, ħadt id-dawl!", beda jgħajjat Karmnu jogħrok għajnejh mill-ġdid. Ħareġ mir-rokna fejn kien, iberraq għajnejh, idur u jaqbeż qisu miġnun, igħolli l-beritta mas-saqaf. "Ħadt id-dawl, qed nara, issa qed nagħrafkom ilkoll, Toni, Vitor, Pawlu, Girgor u Salvu. Ċensu biss, Ċens fejn int?" Kien fih għaxqa tarah!

"X'il-mniefaħ ġralek, Karm? X'Ċensu trid, mela hawn għandna xi Ċensu? Kemm toħlom ikrah, ħej! L-ewwel tajtna qatgħa tgħajjat tlift id-dawl, u issa li ħadt id-dawl; tliftu jew sibtu d-dawl?", kompla jilgħab il-parti Toni.

U Karmnu waqaf iħares ċass, jaħseb . . . "Stenna, . . . stenna ftit" imbagħad wara "imma jien mhux l-iskola kont? . . . x'kull biċċa wkoll! DARU . . . SARU . . . TARU . . . imma jien għalhekk ilbist tal-festa llum! . . . iva biex immur l-iskola ma' Ċensu".

U Karmnu ftakar kollox, iżda baqa' ma ntebaħx x'kien ġara u baqa' jaħseb li dak li ġralu kien ħolm ħtija ta' stonku mimli bl-inbid.